MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 23

(L-EWWEL PARTI)

15 ta' Frar 2021

Minuti tal-Ewwel Parti tas-seduta Nru. 23 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata u transmessa direttament permezz tal-internet. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 22, li saret fid-19 ta' Jannar 2021 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Ma kienx hemm materji mqajma mill-minuti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Bini mill-ġdid tal-latrina pubblika fl-Għadira (P/5/8/G)( L/3/Vol III)

3.1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuti 8.3. u 8.4. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar l-bini mill-ġdid tal-latrina fejn il-parkeġġ il-ġdid tal-Għadira. Staqsa wkoll jekk kienitx ġiet trattata l-possibiltà li din tiġi spusstjata fin-naħa t'isfel tal-istess parkeġġ bil-għan li tkun eqreb lejn ir-ramla u tintlaħaq aktar.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-oġġezzjoni tal-Kunsill dwar l-użu tal-fossa ġiet komunikata kemm lill-Projects Plus Ltd, kif ukoll lill-operatur tal-Mellieħa Hotel. Huwa qal li din l-oġġezzjoni jidher li ntlaqgħet minn Projects Plus Ltd, li minn naħa tagħhom qed

jaraw li jimmodifikaw id-disinn tal-binja bil-għan li ma tkunx tispikka daqstant mit-triq li tagħti għal-lukanda. Is-Sur C. Debono spjega wkoll illi l-possibiltà li l-latrina tkun eqreb lejn ir-ramla ġiet misħarġa wkoll, iżda rriżulta li l-main tad-drenaġġ jinsab għola minnha u allura jkun jeħtieġ li ssir fossa.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Xogħlijiet f'Dawret it-Tunnara (T/4/7/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-parti ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill. Aċċenna li tħaffret trinka, probabbilment biex sar main ġdid tad-drenaġġ u jinbena l-ħajt li ser jżomm it-triq. Mill-mod kif saret din it-trinka, ir-residenti huma nkwetati li l-wisa' tat-triq ser jonqos u għalhekk mhux ser jibqa' ikun possibbli li jsir ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tagħha.

3.2.3. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll li l-kuntrattur neħħa ġebel imdaqqas mill-baħar, li permezz tiegħu kienet titnaqqas il-qawwa tal-mewġ. Intqal ukoll li l-baħar għamel ħsara fir-rampa li tagħti għall-moll, u għalhekk staqsa dwar jekk il-moll huwiex inkluż max-xogħlijiet tat-triq.

3.2.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta dwar il-mostoqsijiet li saru.

### 3.3.1. *Pedestrian crossing* fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/1/Vol XVI)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 20 tat-13 ta' Novembru 2020, dwar l-introduzzjoni tat-tieni *pedestrian crossing* fit-triq imsemmija sabiex tiġi qrib d-daħla taċ-*Child Care Centre*. Huwa staqsa dwar l-eżitù tat-talba li saret lil Transport Malta.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li Transport Malta ma laqgħux it-talba fid-dawl tal-fatt li jeżistru żewġ *pedestrian crossings* oħra fl-istess area.

### 3.4.1. *Crash barriers* fit-Triq tal-Miżieb (T/3/2/Vol XII)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk jistgħux isiru crash *barriers* fl-aktar partijiet perikoluż ifit-triq imsemmija.

3.4.3. Kien hemm qbil li għandhom jiġu jdentifikati l-postijiet fejn il-ħajt li jżomm it-triq jippermetti li jsiru s-saqajn tal-*barriers*.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 12/02/21;
- Skeda ta' Infieq li sar bil-*Petty Cash* – 21/12/20 – 08/02/21:
- Skeda ta' Pagamenti – 16/01/21 – 12/02/21;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti tal-Kumitat Reġjonali – 14/01/2021; u
- Stqarrijiet Finanzarji 2020.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-parkeġġ tal-Armier iż-Żgħir (T/4/7/Vol III)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 14 tat-2 ta' Ġunju 2020 dwar arranġamenti tat-traffiku fil-parkeġġ li hemm biswit il-Bajja tal-Armier iż-Żgħir.

Permezz ta' imejl datat 25 ta' Jannar 2021, Transport Malta għaddew il-kontro-proposti tagħhom, permezz ta' pjanta li ġiet murija waqt is-seduta.

5.1.3. Inġibdet l-attenzjoni li l-proposta ta' Transport Malta xorta waħda tinkludi pparkjar man-naħa tar-ramla, kontra dak li ssuġġerixxa l-Kunsill.

5.1.4. Il-Kunsill tenna d-deċiżjoni meħuda fis-Seduta Nru. 14, li tinvolvi t-tneħħija tal-ipparkjar kollu matul il-ħajt li jifred il-parkeġġ mir-ramla, bil-għan li dan l-ispażju ma' jiġix okkupat fit-tul mis-sidien tal-*caravans* u l-*campers*. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir kurduna li tifred il-parkeġġ mix-xagħra sabiex ma tiġix okkupata lanqas, kif attwalment qed isir.

### 5.2.1. Ċaqlieq ta' *bus stop* fi Triq il-Marfa k/m Triq it-Trill (T/5/1/Vol II)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Jannar 2021 fejn Transport Malta għarrfu li waslulhom ilmenti mir-residenti dwar l-inkonvenjenzi li qed jikkawża il-*bus stop* "Luna". Qed jiġi mitlub li dan jimxi aktar 'l isfel, preċiżamenti fil-kurva.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*bus stop* għandu jibqa' fejn hu għaliex fil-post indikat jiġi fil-kurva tat-triq, u għalhekk joħloq periklu.

### 5.3.1. Inizjattivi ppjanati li jittieħdu mill-Reġjun Tramuntana (R/5)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għal ittra datata 21 ta' Jannar 2021, mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana, fejn ikkonfermaw numru ta' inizjattivi li diġa kienu mħabbra u oħrajn ġodda li jinvolvu:

(a) *Team building* għall-membri, kunsilliera u l-istaff tar-Reġjun kollha meta l-miżuri marbuta mal-Covid 19 jiġu rilassati;

(b) Sistema CCTV ta' żewġ *cameras* kull lokalità li ser issir sejħa għall-offerti dwarha minn naħa tar-Reġjun;

(c) Tiżjin tat-toroq fil-Milied;

(d) L-installazzjoni ta' *racks* tar-roti, fejn il-Kunsill intalab jindika fejn dawn jistgħu jsiru sat 28 ta' Frar 2021;

(e) Taħriġ għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill fil-*Customer Care,* l-Ewwel Għajnuna, Tifi tan-Nar;

(f) Ser jipprovdi *Automated External Defibrillator*;

(g) Skema dwar l-installazzjoni ta' faċilitajiet sportivi ġodda fil-beraħ. Il-Kunsilli ntalbu jidentifikaw postijiet sal-31 ta' Mejju 2021;

(h) Għajnuna sa massimu ta' €1,500 sabiex tingħata promozzjoni lill-attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill. Apparti dawn ser jingħataw sa €500 għall-istess għan speċifikament fuq il-medja soċjali;

(i) Għajnuna lill-organizzazzjoni mhux governattivi bbażati fil-lokalità fil-pubblikazzjonijiet annwali tagħhom. Il-Kunsill intalab lista ta' tali għaqdiet li jinsabu fil-lokalità;

(j) Wirjiet piroteknici fl-Ewwel tas-Sena fil-lokalitajiet; u

(k) Allokazzjoni ta' spazju lir-Reġjun Tramuntana fil-pubblikazzjonijiet u l-medja soċjali tal-Kunsill.

5.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li dawn l-inizjattivi kienu nklużu fil-pjan ta' ħidma tar-Reġjun għall-2021 u l-implimentazzjoni tagħhom għad teħtieġ aktar diskussjoni.

5.3.4. Filwaqt li l-Kunsill innota l-punti kollha msemmija, kien tal-fehma li għandu jintwera l-interess tiegħu dwar l-inizjattivi (d) u (g), u jistenna li jingħataw dettalji dwarhom aktar 'il quddiem.

### 5.4.1. Installazzjoni ta' *charging pillars* (V/4)

5.4.2. Permezz ta' imejl datat 4 ta' Frar 2020, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li l-Ministeru għall-Enerġija qed jipproponi li jiġu nstallati żewġ *charging pillars* oħra – wieħed fi Triq il-Marfa fil-parti ċentrali tal-Bajja tal-Għadira, u ieħor f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata.

5.4.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-postijiet indikati, sakemm l-ispazju jkun limitat għal vettura waħda.

### 5.5.1. *Earth Hour* 60+ (K/11)

5.5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ċirkulari AKL 2021/008 datata 25 ta' Jannar 2021, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li l-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u L-Ippjannar qiegħed jingħaqad ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita' tal-*Earth Hour 60+*. Fuq il-livell internazzjonali dan l-avveniment tikkordinaħ il-WWF biex tħeġġeg lin-nies biex jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, din l-okkażjoni tiġi mfakkra bit-tifi ta' dwal bejn it-20:30 u d-21:30 ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra. L-avveniment ħa jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2021.

5.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li dan l-avveniment jiġi mmarkat bit-tifi tad-dwal ta' Misraħ tas-Salib, il-Monument ta' Triq Qasam Barrani; u Ġnejnet l-Emigranti.

### 5.6.1. Tindif fl-imsaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)

5.6.2. Saret referenza għal ittra datata 22 ta' Jannar 2021, mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn għarrfu lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju ġewwa l-imsaġar tal-Aħrax fit-22, 31 ta' Jannar, fis-7, 14, 21 u 28 ta' Frar, u s-7, 14 u 21 ta' Marzu 2021. Huma appellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom *open skip* fid-dati msemmija, kif ukoll jagħmel tajjeb għal spejjeż oħra kkalkulati li jlaħħqu €300.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkoraġġixi inizjattivi ta' dan it-tip li jinvolvu tindif ta' postijiet aċċessibbli għall-pubbliku.

### 5.7.1. Tismija mill-ġdid ta' Triq San Ġużepp fil-Manikata (T/4/1/Vol III)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Frar 2021 minn resident fi Triq San Ġużepp fil-Manikata, li lmentat illi spiss qed ikun hemm żbalji fit-tqassim tal-posta, peress li fil-lokalità jeżistu żewġ toroq bl-istess isem. Ġie propost li jkun hemm bdil fl-isem ta' waħda minn dawn it-toroq, jew għallinqas fil-każ tal-Manikata l-isem jinbidel għal "Triq San Ġużepp Ħaddiem".

5.7.3. Il-Kunsill oġġezzjona għall-bdil propost, peress li dan joħloq inkonvenjent u konfużżjoni fir-*records* uffiċjali li jappartjenu lill-istess residenti, bħalma huma kuntratti dwar proprjetà eċċ.

### 5.8.1 Introduzzjoni ta' *cat's eyes* fit-toroq (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 21 tat-22 ta' Diċembru 2021, meta kien ġie deċiż li għandha tinkiseb stima dwar għażla ta' tliet tipi ta' sinjali tal-karreġġjata fi Triq il-Mellieħa, Triq il-Wilġa, Triq l-Armier, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Armier iż-Żgħir, u Triq it-Torri l-Abjad. Ġie spjegat li jeżistu tliet alternattivi:

(a) Żebgħa thermoplastic; (b) Żebgħa normali bil-*glass beads*; u (ċ) *Cats eyes*. Ġie spjegat ukoll li l-istima biex jiġu ntrodotti dawn il-miżuri fit-toroq kollha msemmija kienet kif ġej:

| **Isem tat-triq** | **Sinjali Thermo Plastic** | ***Cats' Eyes*** | **Zebgħa normali bil-biċċiet tal-ħġieġ** |
|---|---|---|---|
| | **Spiża inkluża l-VAT (€)** | **Spiża inkluża l-VAT (€)** | **Spiża inkluża l-VAT (€)** |
| Triq il-Mellieħa | 24,960 | 5,568 | 3,840 |
| Triq il-Wilġa | 8,216 | 1,832 | 1,264 |
| Triq l-Armier | 32,760 | 7,308 | 5,040 |
| Triq Ramlet il-Qortin | 15,912 | 3,549 | 2,448 |
| Triq l-Armier iż-Żgħir | 6,926 | 1,545 | 1,065 |
| Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad | 11,622 | 2,592 | 1,788 |
| Spiża globali | **100,396** | **22,396** | **15,445** |

5.8.1. Fid-dawl tal-istima sottomessa, il-Kunsill iddecieda li għandha tiġi addottata kombinazzjoni ta' *cat's eyes* u żebgħa normali bil-biċċiet tal-ħġieġ fl-aktar postijiet suxxettibbli għall-inċidenti fi Triq il-Wilġa u Triq il-Mellieħa.

## 5.9.1. Introduzzjoni ta' *speed hump* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVI)

5.9.2. Saret referenza għal talba li saret minn sid ta' *boathouse* f'Sezzjoni D fir-Ramla tat-Torri l-Abjad sabiex issir *speed hump*, peress li qed ikun hemm sewqan perikoluż.

5.9.3. Il-Kunsill iddeċieda li m'għadux jintroduċi tali miżuri f'toroq li mhumiex skemati.

## 5.10.1. Introduzzjoni ta' *speed hump* fi Triq il-Kappella tal-Militar (T/3/2/Vol XVI)

5.10.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa ġie avviċinat sabiex issir *speed hump* fi Triq il-Kappella tal-Militar qrib il-kantuniera ma' Triq in-Naħħalija. Dan minħabba li triq ma għadhiex miftuħa kif kienet qabel, peress li nbena ħajt temporanju mal-proprjetà ta' Ħal Ferħ.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-introduzzjoni ta' *speed hump* u jerġgħu jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali tal-karreġġjata STOP.

## 5.11.1. Intoduzzjoni ta' *speed calming measures* fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XVI)

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 15 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar petizzjoni li saret mir-residenti bil-għan li jiġu ntrodotti *speed humps* fit-triq imsemmija. Huwa fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li jintbagħat kwestjonarju lir-residenti li joqgħodu bejn Triq Monsinjur Franġisk Xuereb u Taraġ il-Baqquniera, li rriżulta kif jidher hawn taħt:

| Taqbel li sewqan b'veloċita` eċċessiva fi Triq l-Etna jiġi kkontrollat permezz ta' *rumble strips* flimkien ma' *speed hump*? | | Jekk it-tweġiba tiegħek għall-mistoqsija Nru. 1 hija "iva", taqbel li jsiru *rumble strips* u *speed hump* fil-postijiet indikati fuq il-pjanta mehmuża? | |
|---|---|---|---|
| IVA | LE | IVA | LE |
| 24 | 0 | 19 | 2 |

5.11.3. Filwaqt li l-Kunsill osserva li jista' jagħti l-fatt li dawk iż-żewġ persuni li oġġezzjonaw għall-post indikat għall-miżuri peress li jiġi qrib darhom. Minkejja dan il-punt, il-Kunsill qabel li għandu jsegwi l-fehma tal-maġġoranza u għalhekk qabel li l-arranġament għandu jiġi mplimentat, wara li jinkiseb il-kunsens ta' Transport Malta.

## 5.12.1. Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 (F/1/7/Vol V)

5.12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għaċ-Ċirkulari SPI/SCI/3/2021 tat-2 ta' Frar 2021, li tagħti l-opportunità lill-Kunsilli sabiex jiffinanzjaw parti mill-attivitajiet kulturali li għandhom ippjanati għas-sena kurrenti.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għall-attivitajiet ewlenin li jiġu organizzati matul is-sena, f'każ li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jseħħu minħabba l-pandemija Covid-19.

## 5.13.1. PA 0304/21 – Sanzjonar ta' trejqa fi Triq Lewis Wettinger (P/5/8/W)

5.13.2. Saret referenza għal ittra datata 14 ta' Jannar 2021 mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjoni sabiex jiġu sanzjonati diskrepanzi bejn l-iżvilupp li attwalment sar u dak indikat fil-permess PA 03988/08. Dan jikkonsistu fil-kostruzzjoni ta' *retaining wall* b'ġebel riċiklat u rranġar ta' mogħdija bit-terrapien sabiex tippermetti aċċess bil-vetturi.

5.13.3. Wara li l-Kunsill ra d-dokumentazzjoni ġie nnutat li:

(a) Ħafna mill-art indikata fuq il-pjanta fil-fatt huwa *garrigue* u mhux art li tista' tinħadem;

(b) Il-Pjanti 19a, 19b, u19c – inklużi mad-dokumentazzjoni onlajn, ma jindikawx li hemm tliet siġar tal-Għogħar u sitta oħra tal-Oleander, minkejja li fil-fatt jeżistu tliet siġar tal-għargħar u tmienja oħra tal-oleander fejn il-fetħa li tħalliet fil-*crash barrer* matul Triq Lewis Wettinger;

(c) Fuq is-sit affettwat bl-applikazzjoni tħawwlu għad ta' pjanti aljeni;

(d) Il-ħajt li nbena huwa tal-franka u briks riċiklati biż-żebgħa fuqhu;

(e) Is-sit fil-fatt huwa skedat bħala Natura 2000; u

(f) Fl-2007 kien twettaq proġett iffinanzjat minn fondi Ewropej li kien ikkordinat mill-kuratur tal-Ġonna Botaniċi tal-Argotti, flimkien ma' msieħba barranin, liema proġett kien intiż sabiex issir riġenerazzjoni u protezzjoni ta` numru ta' siġar tal-Għorghar li jikbru fin-naħa ta` fuq tal-Wied tal-Miżieb. Biex jitlaħaq dan il-għan kienu ittieħdu numru ta' miżuri, fosthom li l-bdiewa li għandhom raba fil-qrib ħawwlu siġar ta` l-għorgħar f`raba li ma jinħadimx, kif ukoll kienet saret xatba sabiex ingħalaq l-aċċess bil-vetturi minn Triq Lewis Wettinger.

5.13.4. Il-Kunsill qabel li għandha titressaq oġġezzjoni għall-applikazzjoni

### 5.14.1. Użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)

5.14.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Frar 2021, fejn l-*instructor* responsabbli mis-sessjoni tat-taħriġ tal-*weightlifting* ippropona li l-kamra li kienet tintuża mill-Mellieħa Tritons, flimkien ma' dik użwata minnu bit-tagħmir li hemm fiha jkunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku bi ħlas kif isir fil-każ tal-*multi-purpose court*.

5.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa japprezza li l-*instructor* attwali lest illi joffri t-tagħmir tiegħu sabiex jintuża minn min huwa interessat fil-weightlifting. Minkejja dan, huwa ma jirrakkomandax li jkun hemm persuni li jkollhom aċċess għall-post u għat-tagħmir fl-assenza ta' instructor, jew xi ħadd huwa tal-fiduċja tiegħu u tal-Kunsill.

5.14.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mal-*instructor* sabiex tinstab soluzzjoni bil-għan li t-tagħmir ikun jista' jintuża bil-galbu minn persuni verament intessati f'din id-dixxiplina.

### 5.15.1. Apparat tal-*Automated External Defibrillator* (S/6/Vol VII)

5.15.2. Saret referenza għal ittra datata 10 ta' Frar 2021 mibgħuta mis-Società Filarmonica La Vittoria, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jgħin fil-finanzjament tat-tagħmir imsemmi li kien inxtara bil-għan li jintuża mill-pubbliku f'każ ta' ħtieġa. Biex dan ikun funzjonabbli mill-ġdid jinvolvi spiża ta' €520.20.

5.15.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-kontribut tiegħu fid-dawl tal-fatt li t-tagħmir imsemmi jibbenefika minnu l-pubbliku preżenti f'Misraħ il-Parroċċa f'okkażjonijiet popolari.

### 5.16.1. Użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja mill-Mellieħa Baseball Team (P/4/6/1)

5.16.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa ġie avviċinat mid-diriġenti tat-tim tal-Baseball li attwalment qed iħarġu tfal f'din id-dixxiplina fl-etajiet bejn erba' u tmien snin. Huma talab li bħala għaqda sportiva bbażata fil-Mellieħa, jitħallew jagħmlu użu mill-multi-purpose court.

5.16.3. Is-Sur K. Buttigieg qal li biex dan ikun jista' jseħħ, jeħtieġ li jiġu mibdula l-ħinijiet tal-kustodju bejn ix-xhur ta' Novembru / Marzu, nhar ta' Tnejn u it-Tlieta, billi jiftaħ fil-5:00pm minflok fl-4:30pm. Dan sabiex ikun jista' javvanza l-ħin tal-għeluq sat-8:30pm. Nhar ta' Sibt jibda jiftaħ fid-9:00am minflok fl-10:00am, u jagħlaq fis-7:00pm. Bejn April u Mejju, il-ħinijiet għandhom jiġu mibdula bl-istess mod.

5.16.4. Il-Kunsill approva din it-talba.

### 5.17.1. Kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku (K/6/2/Vol V)

5.17.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li Wasteserv (Malta) Ltd ipproponiet lill-Gvern Ċentrali sabiex il-kuntratti tal-iskart domestiku jingħataw mir-Reġjuni għal żmien itwal, bil-għan li jiġi nkaraġġit aktar investiment mill-privat f'dan is-settur. Minkejja dan, l-amministrazzjoni u l-finanzjament tas-servizz jitħalla f'idejn il-Kunsilli Lokali. Hija l-intenzjoni wkoll li l-ħlasijiet dovuti lill-kuntrattur isiru mir-Reġjun, wara li dan jirkupra l-ispiża mill-Kunsilli Lokali msieħba. Dan l-arranġament huwa ppjanat li jidħol fis-seħħ f'Jannar 2022.

5.17.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li r-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (AL 352/2016), jippermettu li sejħiet għall-offerti jsiru minn entità pubblika f'isem entità pubblika oħra. Huwa aċċenna għall-ħtieġa li l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa jkunu fuq l-istess linji tal-kuntratt attwali u/jew fuq l-esiġenzi li rriżultaw wara li ngħata l-kuntratt attwali, liema kuntratt ser jiskadi fil-31 ta' Mejju 2022.

5.17.4. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa x'ser jiġri f'każ li l-Kunsill ma jkun sodisfatt mis-servizz. Is-Sur J. Buttigieg spjega li r-Reġjun ser ikollu *Contract Manager* li jikkomunika mal-

kontroparti tiegħu fi ħdan il-Kunsill (jekk ikun il-każ), li jiċċertifika minn naħa tiegħu qabel isir il-ħlas minn naħa tar-Reġjun.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Servizz ta' *Contract Management* – Dwal tat-toroq (E/1/2/Vol II)**

5.18.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li r-Reġjun ikkonsulta mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar is-sejħa għall-offerti b'rabta mas-servizz imsemmi peress li kuntratt attwali skada. Id-direzzjoni mogħtija mid-Diviżjoni kienet li tintalab estensjoni sa' Ottubru 2021, peress li ser tinbidel l-kompożizzjoni tar-Reġjun Tramuntana. Dan billi b'effett minn Novembru 2021, il-lokalitajiet tal-Imdina, ir-Rabat, Ħad Dingli, Ħal-Għargħur, Pembroke u s-Swieqi mhux se jibqgħu parti mir-Reġjun Tramuntana, filwaqt li ser jidħlu San Ġwann, Ħal Balzan, u H'Attard.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Tismija ta' triq bejn Triq tas-Salib/Triq in-Nases u Triq il-Kbira (T/4/1/Vol III)**

5.19.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li qed jinqalgħu dubji dwar l-isem eżatt ta' triq li tinsab bejn l-inkroċju ta' Triq tas-Salib/Triq in-Nases u Triq il-Kbira. Dawn il-mistoqsijiet qed isiru b'mod partikulari minn nutara nkarigati b'kuntratti dwar proprjetà li tinsab fl-istess triq. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ma kienx f'pożizzjoni jikkjarifika dan, iżda f'imejl datat 15 ta' Frar 2021 intqal li meta triq taqta' lil oħra *at right angles*, il-prassi hija li jingħataw ismijiet differenti.

5.19.3. Fid-dawl tad-direzzjoni mogħtija, il-Kunsill iddeċieda li Triq tas-Salib għandha tintemm eżatt fl-inkroċju ma' Triq in-Nases, filwaqt li tal-aħħar għandha testendi bejn Triq il-Fortizza sa Triq il-Kbira. Kien hemm qbil li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'dan is-sens.

**5.20.1. Sparatura fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2021 (S/6/Vol VI)**

5.20.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna li minkejja Jum il-Kunsill mhux ser jiġi mfakkar minħabba il-pandemija, l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa talbu li attività msemmija ssir xorta waħda skont il-linji ġwida stabbiliti mill-awtoritajiet tas-saħħa. Huma appellaw sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trofej.

5.20.3. Il-Kunsill laqa' it-talba sakemm l-involviment tiegħu ma jeċċedix €250.

**5.21.1. PA 2363/20 - Twessiegħ ta' Triq il-Mellieħa (T/4/7/Vol III)**

5.21.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-22 a' Jannar 2021, l-Awtorità tal-Ippjanar approvat it-twessiegħ tat-triq imsemmija, fil-parti bejn Triq Lewis Wettinger u il-ġibjun tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.22.1. Ftehim dwar assistenza mal-Fondazzjoni għat-Tmexxija ta' Żoni Turistiċi (K/6/3/Vol III)**

5.22.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li kien hemm kuntatti mal-Fondazzjoni msemmija sabiex jestendu l-assistenza tagħhom fil-lokalità f'dak li jirrigwarda ġonna pubbliċi. Intant għaddej xogħol fuq diversi postijiet f'dan ir-rigward. Huwa qal li minn naħa Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni saret manutenzjoni fuq il-funtana ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, kif ukoll reġgħet tħaddmet il-funtana ta' Triq il-Marfa ma' Dawret il-Mellieħa.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja** **(T/5/1/Vol II)**

5.23.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-22 ta' Jannar 2021 saret laqgħa virtwali mal-Perit A. Testaferrata de Noto u s-Sur E. Casingena minn Infrastructure Malta; is-Sur I.P. Vella minn Transport Malta. Għan-naħa tal-Kunsill ipparteċipaw wkoll fil-laqgħa, is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fil-laqgħa kien hemm qbil li għandhom jitħejjew il-pjanti u l-istima tal-proġett minn Infrastructure Malta, filwaqt li għad għandu jiġi determinat liema entità għandha tapplika mal-Awtorità tal-Ippjanar.

5.23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.24.1. Rapport mill-*Contracts Manager* għax-xaħar ta' Novembru u Diċembru 2020** **(T/4/15/Vol II)**

5.24.2. F'din il-parti tas-seduta kien hemm sospensjoni sabiex jintervjeni l-*Contracts Manager* is-Sur Ryan Mercieca, bil-għan li jagħti ħarsa lejn l-andament ta' xi kuntratti li huwa jissorvelja.

5.24.3. Dwar il-kuntratt tal-ġonna, is-Sur R. Mercieca għarraf li nħarġet *default notice* għar-raġuni li x-xogħol waqa' lura u ma kienx qed jitwettaq skont l-iskedi stabbiliti fil-kuntratt. Huwa qal li ser isir spezzjoni flimkien mal-ġardinar fil-postijiet kollha koperti fil-kuntratt.

5.24.4. Is-Sur Mercieca għarraf li nqata' l-ħaxix fi Ġnien Dun Anton Debono u fil-*belveders* ta' Triq l-Assedju l-Kbir u Triq l-Għollieqa. Fir-rigward tal-ewwel, ġie trimjat il-*fence* li jifred il-ġnien mit-toroq ta' madwaru.

5.24.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-ħamrija f'dawn il-postijiet jeħtieġ li tinħarat, kif huwa stipulat fil-kuntratt.

5.24.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li l-*litter bins* fi Triq Selmun qed jerġgħu mhux jitbattlu wara tmiem-il, u jidher biċ-ċar li l-kuntrattur mhux jonora l-frekwenza tat-tbattil darbtejn fil-ġimgħa.

5.24.7. Is-Sur R. Mercieca, għaraf li fir-rigward tal-ġbir tal-iskart domestiku nħarġet *default notice* għaliex irriżulta li fil-5 u s-6 ta' Frar 2021 ma nġabrux diversi boroż tal-iskart organiku minn Triq it-Tramuntana u Triq il-Qighan, minkejja li l-kuntrattur ġie nfurmat dwarhom. Sussegwentement il-kuntrattur wieġeb li mar personalmet jivverifika dawn fit-toroq u ma sab ebda boroż wara l-bibien. Il-kuntrattur talab ukoll li r residenti konċernati għandhom jiġu avżati sabiex joħorġu l-boroż qabel is-7:00am.

5.24.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab sabiex l-iscammel ma' jgħaddix minn fejn l-iskola fil-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal, peress li dan qed joħloq konfużjoni u periklu.

5.24.9. Il-Kunsill talab lill-*Contracts Manager* sabiex jieħu nota tal-punti mqajma u tittieħed azzjoni dwarhom.

**5.25.1. Grupp *"For a Better Environment"*** **(T/6/1/Vol III)**

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-grupp imsemmi, kompost minn tnax-il persuna, ngħaqad uffiċjalment fi ħdan s-soċjetà Din l-Art Ħelwa.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. *Telephone booth* fi Triq il-Kbira / Triq l-Għoljiet** **(T/2/1/Vol II)**

5.26.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li t-telephone booth imsemmi jinsab fi stat ta' abbandun u ilu żmien twil mhux jiffunzjona.

5.26.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-GO plc sabiex dan jitneħħa b'konsultazzjoni mal-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni.

### 5.27.1. Bankina fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri (D/3/1/Vol V)

5.27.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-bankina ta' madwar l-appartamenti tal-Gvern fit-triq imsemmija saritilha ħsara fil-wiċċ tagħha, peress li l-iscammel qed ikollu jitla' fuqha sabiex ikun jista jdur mal-istess blokka. Għaldaqstant saret proposta sabiex l-ipparkjar fuq in-naħa l-oħra jkun ikkontrollat bil-ħin.

5.27.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinbidel il-wiċċ tal-bankina fil-parti ndikata.

### 5.28.1. Ingombri ta' taraġ pubbliku bejn Triq l-Għaqda u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

5.28.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa, flimkien mas-Sindku D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, fit-18 ta' Jannar 2021 iltaqgħu fuq il-post mal-iżviluppatur, il-perit inkarigat minnu, u uffiċjali mill-Building Construction Agency. Irriżulta li t-taraġ kien għadu ngumbrat b'għodod u materjal tal-bini. Is-Sur E. Bartolo qal li kien miftiehem li t-taraġ għandu jiġi restitwit għall-istat oriġinali tiegħu sat-30 ta' April 2021, filwaqt li għandha ssir laqgħa oħra fuq il-post fil-15 ta' Marzu 2021 sabiex jiġi segwit il-progress li jkun sar.

5.28.3. L-iżviluppatur talab li l-ilma ma jibqax jimxi fuq il-wiċċ tat-taraġ u minflok jgħaddi minn taħtu permezz ta' katusi. In-naħa tal-Kunsill uriet ir-riżervi tagħha għal dan billi t-taraġ ma jirċevix ħafna ilma meta wieħed iqis it-topografija tal-post.

5.28.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.29.1. Kappella tal-Kunċizzjoni fil-Ponta tal-Aħrax (C/7)

5.29.2. Il-Kunsillier E. Bartolo stqarr li l-kappella msemmija riċentement kienet il-mira ta' vandaliżmu u atti illeċiti oħra. Huwa ppropona li l-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu fil-ftuħ u l-għeluq tal-kappella billi jidħol mal-iskeda taċ-ċimiterji.

5.29.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa jaqbel mal-proposta skont il-minuta 5.29.2. meta wieħed iqis kemm din il-kappella hija ffrekwentata.

5.29.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li, rrispettivament mill-fatt li l-kappella mhijiex binja li l-Kunsill huwa obbligat jamministra, il-proposta li saret hija npenn mhux żgħir li jrid jiġi segwit mit-Tnejn sal-Ħadd, filwaqt li jinvolvi post ferm 'il bogħod miċ-ċimiterji li saret referenza għalihom. Is-Sur C. Debono fakkar li ż-żewġ ċimiterji huma proprjetà tal-Gvern ċentrali, jinsabu fil-parti urbana tal-lokalità, u jżuruhom in-nies f'numri ferm ikbar.

5.29.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Arċipriet dwar din il-materja.

### 5.30.1. Tabelli nieqsa fi Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol XVI)

5.30.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li fil-viċinanzi tal-Iskola Primarja, fit-triq imsemmija m'hemmx tabelli tal-iskola jew sabiex ma jsir ipparkjar fil-parti bejn Triq il-Muna u Triq Qasam Barrani.

5.30.3. Is-Segretaru Eżekuttiv C. Debono qal li dawn it-tabelli kienu jeżistu, iżda ser jiġi verifikat jekk hemmx minnhom nieqsa, jew qdiemu sabiex isiru mill-ġdid.

### 5.31.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 62)

5.31.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li saret laqgħa virtwali mad-diriġenti tal-Island Car Club illi għandhom l-intenzjoni li jorganizzaw l-attività msemmija nhar il-Ħadd 25 ta' April 2021. Fuq l-esperjenza ta' edizzjoni oħra ta' dan l-avveniment ser issir insistenza fuq il-ħtieġa ta'

uffiċjali tal-infurzar fi Triq is-Santwarju apparti minn dawk li normalment ikun hemm mar-*roundabouts* ta' Selmun u dik ta' Triq il-Marfa/Dawret il-Mellieħa. Huwa qal li Transport Malta qed jiġu kkonsultati dwar dan l-avveniment, partikularment jinvolvi triq arterjali.

5.31.3. Filwaqt li ġiet innutata l-azzjoni li diġa ttieħdet, il-Kunsill talab li jsiru kuntatti wkoll mal-Pulizija tal-Komunità

**6.1. Tqegħid temporanju ta' imwejjed u siġġijiet quddiem bars u stabbilimenti li jservu l-ikel (T/4/10Vol III**

6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li kemm ilhom fis-seħħ ir-restrizzjoni marbuta mal-pandemija Covid-19, kien hemm stabbilimenti fil-lokalità li ngħataw permess jpoggu mwejjed u siġġijiet fuq bankini u anke fit-toroq. Huwa lmenta li dan qed isir mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali, filwaqt li mhumiex magħrufa l-kriterji li fuqhom qed jingħataw tali konċessjonijiet. Huwa staqsa wkoll x'ser jiġri wara li tgħaddi l-pandemija.

6.3. Il-Kunsillier I. Castillo qabel li għandha ssir talba sabiex ikunu magħrufa l-kriterji u l-kunsiderazzjonijiet li jingħataw meta jingħataw il-konċessjonijiet imsemmija.

6.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir-rappreżentazzjoni mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fejn jiġu trattati il-punti mqajma fil-minuti 6.2. u 6.3. aktar 'il fuq.

**7.1. Stqarrijiet Finanzjarji 2020 (F/1/2/Vol IX)**

7.2. Peress li kien sar il-ħin dan l-*item* ġie mħolli għall-kontinwazzjoni tas-seduta

**8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

8.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Frar 2021.

8.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

8.4. Tressqet Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn l-21 ta' Diċembru 2020 u t-8 ta' Frar 2021.

8.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Jannar u t-12 ta' Frar 2021.

8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-pagament 020-01-21 u astjena mid-diskussjoni dwaru, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363)..

8.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Billi kien sar il-ħin, kien hemm qbil li s-seduta għandha titkompla nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |